SANNAT

Minuti tat-tlieta u ħamisn laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 2 ta' Awwissu 2012 fis-7.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

2338 (*para. 2201*) Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 51 li saret fit-3 ta' Lulju 2012 u l-Minuti tal-laqgħa numru 52 li saret fit-13 ta' Lulju 2012.

**Item 2. Mill-Minuti**

2339 *(para. 2296*) Dwar il-mappa tal-lokalita' li kienet ingħatat lil Refalo Signs il-Kunsill ġab stima mingħand Paul Stellini li kienet ta' €440 u oħra ta' Mario Galea li kienet ta' €350. Il-Kunsill qabel li din tingħata lill-Mario Abela.

2340 (*para. 2297*) Ix-xogħol tat-tender tal-EcoGozo u l-iżvilupp Reġionali għal Pedestrianisation of Open Space fi Triq Skerla beda. Rigward d-dranaġġ il-Kunsill qabel li dan għandu jsir minn sid il-plot. Il-Kunsill qabel li jsiru reflectors mal-kurduna għaliex fil-preżent hi ftit perikoluża.

2341 Il-Greenpak taw il-boroż lill-Kunsill sabiex jitqassmu lir-residenti. Dawn ser jitqassmu mill-Kumitat tal-Armar u ser jitħallsu mill-Greenpak direttament.

2342 Rigward it-Tender għal proviżjon u nstallazzjoni tal-Playing Field Equipment - Tender 03/2012 tal-OPAL intbagħatilhom l-aċċettazzjoni tal-kuntratt. Għandu jinħatar Bord sabiex jikkundanna l-playing equipment li hemm eżistenti fil-playing field. Dan il-Bord ser ikun

SANNAT

kompost mis-Sindku, il-Kunsilier Teddy Bajada, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u l-field field engineer Maestre.

2343 It-tender tal-*supply* tal-light fittings tal-ispazju pubbliku fi Triq Skerla Tender 06/2012 ser tagħlaq fit-8 ta' Awwissu 2012.

2344 Rigward in-Notte Scarlatta,id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab break down tal-ispejjeż li saru li kienu ta' €10,507. Kien hemm €840 sponsors. Il-ħruġ finali għal Kunsill kien ta' €9,677 li minnhom il-Kunsill ser jingħata €2,000 mill-iskema tal-attivitajiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2345 Rigward it-tender tal-manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi u verges sar kuntatt mas-Sur Joseph Bonello uffiċċjal fid-Dipartiment tal-Agrikultura fejn intalab il-parir tiegħu rigward it-tisqija u l-ammont ta' fjuri li ser jsiru. Fi Triq Ta' Xamgħan fejn l-iskips għandhom isiru żewġ faxxi fjuri**.**

2346 Il-Bolton Youth Choir ġew u taw il-performance tagħhom fil-Knisja Parrokkjali fis-17 ta' Lulju 2012 .

2347 Biex isir r-resurfacing bil-hot rolled asphalt ta' Triq Falkun u għadu jrid jiġi approvat il-budget tas-sena 2012. Sabiex isir Triq Falkun mill-Budget ta' 2012 iridu jitnaqqsu l-flus minn voti oħra.

2348 Dwar il-latrini pubbliċi li hemm fi Triq Sannat, il-Perit Brian Curmi għadu ma ppreparax l-istima. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ma hemmx flus biex isir dan ix-xogħol.

2349 Fi Triq Marsilja hemm pot b'xitla mejta li ġiet ordnata għand il-Flower Zone.

**Item 3. Korrispondenza**

2350 Memo 31/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ir-Reviżjoni fl-Onorarja lill-President tar-Reġjuni u lis-Sindki tal-Kunsilli Lokali.

2351 Memo 32/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Korsijiet għall-Adulti (Life long learning)

2352 Memo 33/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

2353 Id-Dpartiment tal-Gvern Lokali kiteb li saret PQ fuq l-istat ta' Triq Skerla, u jrid li Triq Skerla issir manutenzjoni fuqha speċjalment fil-parti ta' fejn ta' Ċenċ Mansions.

2354 Fit-8 ta' Awwissu ser issir ċerimonja fil-Berħa ta' Kastilja fejn ser jingħataw il-fondi għal-libreriji tal-lokali. Mistiedna huma s-Sindki, Segretarji, Kunsilliera responsabli mil-librerija u l-librara. Il-Kunsillier Marlene Muscat għandha tattendi f'isem il-Kunsill.

2355 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser tagħmel konferenza u fiera bejn id-29 u l-31 ta' Ottubru 2012 rigward l-iffinanzjar mill-programm Europe for Citizens .

2356 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġiet infurmata mill-ambaxxata ta' Malta f'Ruma dwar opportunita' li Kunsilli Lokali ta' Malta jissieħbu f'din l-entita' msejħa "Borgi piu Belli d'Italia e Malta'.

2357 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsilli Lokali li b'effett mill-1 ta' Settembru 2012, ir-release tal-garanzija bankarja li l-MEPA żżomm lill-iżviluppaturi, għandha sehh wara li r-realese ikun iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala żewġ rappreżentanti legali tal-Kunsilli Lokali.

2358 Rigward l-applikazzjoni tal-proġett ta' Daħla taċ-Ċnus sar il-*closing report* għal EcoGozo.

2359 Rigward il-Measure 323 il-perit kiteb lill-kuntrattur dwar it-terrapien li ħalla biex jitneħħa ħalli jkun jista' jiċċertifika l-kont. Dan beda jitneħħa. Hemm ammont ta' ġebel fil-passaġġ minfejn jidħlu li hi proprejta' tan-nies. Kien hemm resident irraporta li kuntrattur partikulari xeħet it-terrapien fejn ġej il-Bidwi Park. Dan bagħat ir-ritratti li għaddew lill-pulizija biex tieħu azzjoni. Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed azzjoni kontra l-persuna konċernata u l-pulizija għandha tieħu passi. Dan it-terrapien hu ta' detriment għax-xogħol tal-proġett Il-Bidwi Park.

2360 L-Enemalta ġew infurmati li l-fanali l-ġodda ta' Triq Sannat ser isiru flok dawk li hemm. Richard Cauchi ġie mitlub bil-miktub jibda x-xogħol fuq il-fanali.

2361 Ittra minn George Azzopardi rigward Mgarr ix-Xini Regional Park dwar ix-xogħlijiet li ser isiru. George ġab żewġ kwotazzjonijiet biex isir il-*coring* fil-wied. Dawn kienu ta' Terracore u Solidbase. Ta' Solidbase kienet l-irħas waħda. Hemm xi fondi mill-EcoGozo li ser jingħataw liż-żewġ Kunsilli li huma involuti f'dan il-proġett Ta' Mġarr ix-Xini Regional Park

2362 Ittri mingħand Jack Galea dwar id-daħla ta' Sannat.

2363 Il-Kumitat għat-Tismijiet tat-Toroq f'Għawdex informa lill-Kunsill li l-Pjazza tax-Xelina ġie approvat tingħata l-isem "Pjazzetta tax-Xelina (Gużeppa Debrincat 1883 – 1962).

2364 Clifford Vella kiteb dwar il-ktieb tiegħu Leġġendi, misteri u għajdut mill-gżejjer Maltin. Il-Kunsill approva li tinxtara kopja ta' dan il-ktieb għal-librerija.

**Item 4. L-impieg tal-iskrivana Part Time**

2365 L-Ombudsman bagħat ir-rapport finali tiegħu fuq l-ilment ta-Sinjura Silvana Mercieca rigward l-impieg tal-iskrivana part time mal-Kunsill Lokali ta' Sannat wara li saret l-investigazzjoni mill-uffiċċju tiegħu.

L-Ombudsman qal li s-serjeta' u l-integreta tal-membri tal-Bord, li jkunu appuntati proprju minħabba l-esperjenza li jkollhom fis-settur, m'għandiex tiġi dubitata sakemm ma jkunx hemm provi ċari li dawn ma mxewx b'mod ekwu mal-kandidati ntervistati, bir-riżultat li ġie/t avvantaġġjat/a xi kandidat/a – provi li ma rriżultawx f'dan il-każ. Hu qal li fil-fehma tiegħu ma ġewx prodotti provi sabiex jissostanzjaw l-allegazzjoni tas-Sinjura Silvana Mercieca (*il-complainant)* li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla kienet influwenzata minn kunsiderazzjonijiet personali jew amiċizji personali tal-membri tal-Bord jew ta' Kunsilliera fl-istess Kunsill, influwenzaw l-għażla favur il-kandidata li ġiet fl-ewwel post. Qal ukoll li l-uffiċċju tiegħu ma jara xejn irriegolari fil-fatt li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, kien membru fuq il-Bord tal-

SANNAT

Għażla, anke għaliex skont il-liġi, is-Segretarju Eżekuttiv huwa l-Kap Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, u għaldaqstant l-impjegati fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill jaqgħu taħt l-awtorita' tas-Segretarju Eżekuttiv fix-xogħol tagħhom. Ħadd aħjar mis-Segretarju Eżekuttiv, li jmexxi l-Uffiċċju tal-Kunsill ma seta' jiġġudika kemm hu addatat u fil-fatt kisbet biss 3 marki minn total ta' 400 marka inqas mil-kadidata li ġiet fl-ewwel post. Għandu jiġi iċċarat li l-kandidata klassifikata fl-ewwel post, għalkemm fil-mument li saret l-intervista kienet tokkupa l-post ta' beauty therapist and Spa Receptionest f'lukanda fil-lokalita' ta' Sannat, ħadmet għal numru ta' snin bħala skrivana mal-gvern. Hu qal ukoll li fid-dawl tal-fatti stabiliti fl-investigazzjoni tal-każ ma jistax jikkonkludi li r-riżultat tal-intervista huwa invalidu jew id-deċiżjoni finali tal-Bord tal-għażla kienet manifestament żbaljata u mingħajr rigward lejn il-merti tal-kandidati.

**Item 5.Ftuħ tat-Tender tal-Bankijiet ta' Mġarr ix-Xini**

2366 Infetħu t-tenders tal-bankijet ta' Mġarr ix-Xini li kienu :

Schedule of Tenders- 04/2012

**Tender for the supply and installation of new benches at Mgarr ix-Xini Bay**

**Closing date 16th July 2012 at noon**

| Tender No. | Name of Contractor | Description | Amount per Bench |
|---|---|---|---|
| 1. | Anthony M Bonello (OPAL) | Option 1 | € 5,016 |
| | | Option 2 | € 7,08 |
| | | Option 3 | € 4,500 |
| | | Option 4 | € 4,920 |
| | | Option 5 | € 3,804 |
| | | Option 6 | € 4,920 |
| | | Option 7 | € 5,184 |
| | | Option 8 | € 6,156 |
| 2. | J. Portelli Projects Bid Bond not presented) | Option 1 (only) | € 6,744 |
| 3. | Rapa Showrooms Co. Ltd | Option 1 | € 7,245 |
| | | Option 2 | € 6,930 |
| 4. | Greenskips Services Ltd. | Option 1 | € 11,010.10 |
| | | Option 2 | € 9,485.64 |
| | | Option 3 | € 8,107.32 |
| | | Option 4 | € 12,903.24 |
| | | Option 5 | € 14, 036.04 |
| | | Option 6 | € 27,032.88 |
| 5. | Bugeja Bros. | Option 1 (Only) | € 9,000 |

Il-perit tal-Kunsill għandu jagħmel rapport ta' evaluazzjoni għall-Kunsill.

SANNAT

**Item 6. Ftuħ tat-Tender tal-paving works in Ta' Sannat playing field**

2367 Infetħu t-tenders tal-paving works tal-Playing field ta' Sannat li kienu tlieta :

**Schedule of Tenders**

**Tender No. 05/2012**

**Tender for the paving works in Ta' Sannat Playing Field**

**Closing date Monday, 30th July 2012 at noon**

| Tender No. | Contractor | Concrete Paving Blocks | Monostrato Volcanico | Monolitic Concrete |
|---|---|---|---|---|
| 1 . | Joseph Mercieca | €13,033.95 | €18,493.94 | € 10,513.75 |
| 2. | Joseph Zammit | € 8,645.32 | € 15,580.57 | € 6,842.33 |
| 3. | Bugeja Bros. | € 8,162.25 | € 14,855.25 | € 14,809.25 |

Il-perit tal-Kunsill għandu jagħmel rapport ta' evalwazzjoni għall-Kunsill.

**Item 8. Ftuħ tal-Kwotazzjoni għall-manifattura u nstallazzjoni tal-galvanized wrought iron gates u screens fl-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill.**

2368 Infetħet l-unika kwotazzjoni li kien hemm li kienet:

**Schedule of Quotations**

**Quotation 09/2012**

**Quotation for the manufacture and insallation of security galvanized wrought iron gates and screens at the new Local Council offices in Sannat**

Wednesday 4th July 2012 at noon

| Quot. No. | Name of Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 . | Amabile Galea & Sons Ltd. | €5,049 |

**Item 9. Ftuħ tal-Kwotazzjonijiet għal Air condition fl-uffiċċju tal-Kunsill**

2369 Infetħu l-kwotazzjonijiet għax-xiri ta' air condition li kienu:

Schedule of Quotation Office Airconditioner 2012

| Brand | Capacity | Guarantee | Price (€) |
|---|---|---|---|
| *Clima 755* | | | |
| Galaz / Panasonic | 9,000 BTU | 5years | 470.00 |
| Galaz / Panasonic | 12,000 | 5 | 730.00 |
| *GDA* | | | |
| Samsung | 9000 BTU | 5years | 549.00 |
| Panasonic | 9000 | 5 | 550.00 |
| Mitsui | 9000 | 5 | 540.00 |
| TenSai | 9000 | 3 | 430.00 |
| *Distinct Homes* | | | |
| Airwell fix | 12,000 BTU | | 620.00 |
| Airwell fix | 12,000 | | 800.00 |
| *Joseph Tabone* | | | |
| Gree | 16,000 BTU | 3 Years | 750.00 |

**Item 10.Il-Proġett tal-Bidwi Park**

2370 *(para. 2293)* Il-perit bagħat resume ta' dak li ġie diskuss fl-ewwel laqgħa tal-Bord tal-Aġġdukazzjoni liż-żewġ membri tal-bord l-oħra fejn issuġġerixxa li l-kuntrattur jirrevedi xi rati speċjalment tal-boundary walls u fl-istess ħin il-Kunsill jiċċekkja xi aspetti oħra tal-proġett bħal tiċċekken il-ġiebja tal-ilma mingħajr ma taffettwa l-proġett kif iddisinjat. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntrattur għandu jintalab iraħħas il-prezz għal dak stmat mill-perit tal-Kunsill skond l-istima li kienet saret u mhux jiċkien jew jinbidel ix-xogħol. Jekk issir il-verifika mill-awdituri tal-Unjoni Europa, il-Kunsill jista' jispiċċa bil-problemi għaliex għandu jinsisti li mal-irħas kuntrattur biex jaċċetta li x-xogħol isir skont l-istima tax-xogħol tal-perit tal-Kunsill jew tinħareġ offerta oħra. Fil-każ ta' dimensjoni tal-proġett hemm possibilta' kbira li jiġu l-awdituri mill-Unjoni Europea biex jivverifikaw, inkluż li jiġu l-uffiċċju tal-Kunsill u jmorru fuq il-proġett. Il-Kunsill iddeċieda li jitnaqas il-kies tal-ġibja u li fil-latrina jintuża membraine flok *termal blocks*.

**Item 11. Approvazzjoni tal-Budget 2012**

2371 Rigward il-Budget, is-Segretarju ippreżenta Budget ieħor riverdjut fejn tnaqqas ammont sostanzjali ta' flus minn voti oħra. Biex jagħmlu tajjeb għax-xogħol ta' Resurficing ta' Triq Falkun skont l-iskema tal-P.P.P. Dawn jikkonsistu fi tnaqqis mill-manutenzjoni, kuntratti, attivitajiet u proġetti kapitali, inkuż dawk tat-tabelli u bozoz ġodda. Rigward dan is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ma hemmx flus biex issir l-manutenzjoni kif meħtieġ tal-Latrini Pubbliċi.

**Item12. Materja oħra**

.

2372 Il-pompa tal-funtana inxtrat u sarilha apparat tal-*over load* biex ma tinħaraqx. Il-pompa kienet €480 u l-Overload kienet €110, barra x-xogħol tal-installazzjoni.

2373 Il-Kunsill approva li jsiru tliet stands tal-bnadar għar-reception tal-uffiċċju tal-Kunsill li huma €95 kull wieħed. Dawn għandhom jiġu ordnati mingħand Frank Attard (Fantin). Rigward l-arbli tal-stainless steel għal barra tħallew għal iktar 'il quddiem għaliex huma għoljin ħafna.

2374 Il-Kunsill approva wkoll li ssir stendard bil-logo tal-Kunsill 6' x 4' bil-gold fringe għal prezz ta' €125, kif ukoll stendard bil-logo ta' Malta bil-gold fringe għal prezz ta' €70.

2375 Ġew ordnati wkoll it-tabelli tal-EcoGozo għal proġetti ta' Daħla taċ-Ċnus u ta' Skerla kif jitlob l-kuntratt.

2376 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li jrid jingħata s-sealer tal-kaxxa tat-taraġ tal-bejt qabel tidħol ix-xitwa mħabba l-moffa u jrid isir *cover* tal-bejt tal-gallerija. Il-Kunsill għandu jkellem lill-perit dwar dan.

2377 Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-kuntratt tal-manutenzjoni u tindif tal-Public Convenience għal sena oħra li qed jinħadem mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita.

2378 F-ispazju ta' bejn l-uffiċċju amministrattiv il-ġdid u l-Kalkara tal-Ġir għandu jitpoġġa bank għall-pubbliku.

**Item 13. Ilmenti**

2379 Sar ilment minn resident rigward dumping fi Ta' Saguna eżattament fejn ġej il-proġett tal-Kunsill il-Bidwi Park, kif ukoll iktar lura. Dan l-ilment għadda lill-pulizija. Il-Kunsill qabel li għandhom jittieħdu passi kontra min xeħet dan it-terrapien li apparti ser ikerraħ l-inħawi ser ikun ta' spejjeż żejda għall-Kunsill għaliex irid jitneħħa.

2380 John Azzopardi, 15 Blk 1, Triq il-Ħamrija, Xewkija biex fi Triq Mgarr ix-Xini fejn hemm il-passaġġ tal-konkos u l-culvert tal-ilma għandu l-passaġġ ta' fuq il-culvert li hu dejjaq għaliex parti minnu hu miksur. Hu talab li dan jiġi rranġat biex ikun iktar wiesa'.

2381 Michael Angelo Camilleri, Ta' Mikelina, Triq Palazz Palina ilmenta li qed jitpoġġa skip taż-żibel li qed jiġi abbużat kontinwament għaliex ġo fih qed kontinwament jintefa' materjal tal-bini. Dan l-aħħar dan l-Skip tpoġġa taħt it-tieqa tad-dar tagħhom. Dan ma jriduhx għaliex iġib ħafna dubbien, nemus u ġrieden. Hu qal li anke tar-restoranti qed jarmu ġo fih. Dan l-iskip mhux ser jibqa' taħt it-tieqa tiegħu għaliex inbeda il-proġett ta' Skerla eżattament fejn joqgħod hu.

2382 Ilment ta' Philip Zerafa dwar l-skip li hemm fi Triq it-Tilliera li apparti l-irwejjaħ dan qed jitbattal f'nofs il-lejl. Rigward dan l-ilment ġiet infurmata l-KIP Għawdex li għandha t-tbattil tal-iskips on wheels.

2383 Raymond Schembri, "Claysanray" Triq it-Tempju tal-Imramma talab sabiex isir bankina ġdida fi Triq it-tempju tal-imramma kantuniera ma' Triq Xabbata. Rigward din saret talba bil-Customer Care lill-Ministeru għal Għawdex.

2384 Toni Sciberras, Miriam' Triq Dun Luqa talab biex jitpoġġa bank fi Triq Dun Luqa ftit 'il fuq tal-entratura tal-isqaq. Il-Kunsill approva li jitpoġġa bank ħdejn tiegħu. Anglu Buttigieg ta' 62, Triq Dun Xand Aquilina ilmenta dwar il-parking bays ġodda fi Triq Dun Xand Aquilina biex il-parking bays isiru fuq in-naħa tal-lemin inti u tiela' 'il fuq f'din it-triq. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan.

2385 Josephine Portelli, 16, Triq ta' Ċenċ biex issir bankina tal-bricks mar-residenza tagħha peress li hemmhekk hu perikoluż. Ser issir talba bil-Customer Care lill-Ministeru għal Għawdex.

2386 Maria Buttigieg talbet sabiex issir bozza ġdida fi Triq Dun Luqa biex titwaħħal ma' arblu li hemm ħdejn ir-residenza tagħha. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-budget li kien għadu kif ġie approvat ma għadx hemm flus sabiex isiru bozoz ġodda. Din ser tkun l-aħħar bozza ġdida li ser issir din is-sena għaliex lanqas flus ma hemm għal din il-bozza. Dan għaliex il-budget ġie ristrett biex isir il-*hot rolled asphalt* fi Triq Falkun.

**Item 14. Approvazzioni tal-Pagamenti**

2387 L-approvazzjoni tal-pagamenti tħalliet għal laqgħa oħra.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

Arthur Bajada — Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella — Sindku